MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1299/2007

**Elmo Insurance Limited**

**Vs**

**Mark Caruana u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2008 il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurer's Bureau gew ammessi jintervjenu fil-kawza**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Dicembru 2007 l-attrici qeghda titlob lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li fic-cirkostanzi fuq riferiti l-attrici m'hijiex "l-assiguratur koncernat" (*"insurer concerned"*) ghall-finjiet u effetti tal-Artikolu 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tal-1986 u ghalhekk il-polza ta'

assikurazzjoni numru 401-136222 ma taghti l-ebda kopertura assikurativa lanqas lill-konvenut terz.
2. Tiddikjara u tiddeciedi li n-notifika tal-attrici bl-ittra ufficjali li l-konvenut ipprezenta kontra taghha fis-6 ta' Dicembru 2007 skond l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux jikkostitwixxi titolu ezekuttiv kontra l-attrici.
3. Thassar l-effetti tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2007 kontra l-attrici.
Fil-qosor l-attrici ppremettiet li fit-30 ta' Gunju 2003 kienet qeghda tassigura l-vettura JAM 296 u dakinhar l-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku li sehh fi Vjal l-Avjazzjoni Civili, il-Gudja, ma' mutur FBH 416 misjuq minn Mark Caruana. Wara proceduri gudizzjarji 508/2005GCD, is-sewwieq tal-vettura JAM 296, Mohamed El Hanghari, kien gie kkundannat ihallas danni li gew likwidati mill-qorti. L-attrici ssosnti li m'ghandix obbligu thallas ghaliex qabel sehh l-incident il-vettura kienet inbieghet mis-sid Hasan Hasan lil El Hanghari minghajr ma giet infurmata u minghajr ma saret endorsement tal-polza favur ix-xerrej. Ghalhekk l-attrici ma kenitx "insurer concerned" ai termini tar-Regolament 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tal-1986. u ghalhekk is-sentenza ma tistax tigi ezegwita kontra taghha.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-14 ta' Marzu 2008, il-konvenut wiegeb:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta rikorrenti, Elmo Insurance Limited, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attrici hi obbligata taghmel tajjeb ghad-danni likwidati bl-imghax u spejjez favur il-konvenut Mark Caruana bis-sahha tas-sentenza li nghatat fil-kawa 508/2005, u li tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bis-sahha tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2007.
2. Illi referribilment ghall-ewwel, tieni u tielet (1, 2 u 3) paragrafi tar-Rikors tas-socjeta rikorrenti huwa minnhu illi l-istess socjeta rikorrenti kienet fit-30 ta' Gunju 2003 tassikura l-vettura b'numru ta' registrazjoni JAM 296. Huwa minnu wkoll illi fit-30 ta' Gunju 2003, din l-istess vettura waqt li kienet qed tinsaq minn Mohamed El Hanghari kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-intimat,

f'liema incident l-istess intimat korra serjament, tant illi fid-9 ta' Novembru 2007 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara li sabet li l-incident sehh tort u htija ta' Mohamed El Hanghari illikwidat id-danni tal-intimat odjern fis-somma ta' LM. 69165.00, u kkundannat lill Mohamed El Hangari jhallas lill-intimat dawn id-danni flimkien ma' l-ispejjes kollha u bl-imghaxijiet b'sehh mid data tas-sentenza.

3. Illi referibilment ghar-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi l-bejgh tal-vettura li allegatament sar ghal habta tas-16 ta' Gunju 2003 bejn Hasan Hasan u Mohamed El Hanghari ma' jirrizulta minn imkien. Il-vettura meta sehh l-incident kienet skond l-Awtorita tat-Trasport (ADT) registrata f' isem Hasan Hasan u sa Novembru 2007 din l-istess vettura kienet, skond rapprezentanant tal-Awtorita tat-Trasport (ADT ) li xehed fil-kawza fl-ismijiet *Mark Carauana vs Mohamed El Hangari* (Cit Nru. 508/2005 GCD) ghadha, erbgha snin wara l-incident, registrata f' isem Hasan Hasan. Illi ghalhekk u kuntrarjament ghal dak li qed issostni s-socjeta rikorrenti, meta sehh l-incident il-vettura numru JAM 296 kienet proprjeta ta' Hasan Hasan u ma kien sar l-ebda trasferiment ta' din l-istess vettura favur xerrej iehor ad insaputa tas-socjeta rikorrenti. Izda anki jekk ghal grazzja tal-argument, sar xi forma ta' trasferiment, l-istess dana ma jkollu l-ebda effett vis a vis l-esponenti billi dan it-trasferiment qatt ma gie registrat mal-Awtorita tat-Trasport (ADT) qabel ma sehh l-incident, u dana kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Wkoll u anki jekk ghall-grazzja tal-argument, il-vettura in kwistjoni giet b'xi mod jew iehor trasferita regolarment, skond il-Kap. 104 is-socjeta rikorrenti ghandha obbligu li thallas.

4. Illi referibilment ghal hames (5) paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi fic-cirkostanti l-Artikolu 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tal 1986 ma japplikax f' dan il-kaz, u li fi kwalunkwe kaz l-assikurazzjoni messha fil-bidu nett u meta saret taf bl-allegat biegh, hadet passi sabiex tikkancella l-polza u tigbor lura c-certifikat ta' assigurazzjoni, haga li m'ghamlitx. Minflok ma ghamlet hekk, stenniet sakemm l-esponent ikollu titolu ezekuttiv kontra taghha wara l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2007. Kien biss wara l-ittra

ufficjali li hija talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponent, li gie michud mill-qorti. L-attrici ma haditx passi sabiex jigi ritornat ic-certifikat ta' assigurazzjoni u ghalhekk ghadha obbligata li thallas lill-esponent skond ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi referibilment ghas-sitt (6) paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi huwa minnu illi s-socjeta rikorrenti gabet dawn il-fatti a konjizzjoni tal-intimat, izda ironikament u wara li giet ipprezentata c-citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra Mohamed El Hanghari, l-istess socjeta rikorrenti, nonostante li kienet qed tallega li mhix l-assiguratur koncernat u li ma' kenitx obbligata li thallas l-ebda danni, dahlet fl-insemmija kawza " *in statu et terminis* ".

6. Illi referibilment ghas-sebgha, tmien, disgha, ghaxar u hdax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni, m'hemmx kontestazzjoni hlief li l-esponent kien ipprezenta c-citazzjoni kontra El Hanghari u kontestwalment ipprezenta l-ittra ufficjali kontra l-attrici sabiex jgharrafha li kien beda proceduri. Dan kif rikjest mill-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi referibilment ghat-tnax (12) il-paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta rikorrenti, dana assolutament m' huiex minnhu. Is-socjeta rikorrenti hija l-assikurat koncernat, tant illi hija gia ghamlet riserva fil-kotba taghha f'dan ir-rigward, u kwindi hija obligata li thallas id-danni, l-ispejjes u l-ghaxijiet kollha likwidati favur l-esponenti.

L-intervenuta fil-kawza ssostni li:-

1. L-attrici bhala assiguratrici tal-vettura JAM 296 ghandha obbligu li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra Mark Caruana fl-incident, u dan skond il-provvedimenti tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u s-sentenza li nghatat fil-kawza 508/2005AE tad-9 ta' Novembru 2007 li hi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi skond l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 104.

2. It-talbiet tal-attrici huma nfondati ghaliex ma tezisti l-ebda cirkostanza kontemplata fl-Artikolu 10(2) u (3) tal-Kap. 104.

3. L-Avviz Legali 28 tal-1986 japplika biss fejn ma hemmx responsabbilta' tal-kumpannija assiguratrici li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-vittma. L-obbligu tal-

attrici li thallas ma jiddependix mill-kwalita' taghha o meno ta' *insurer concerned* skond l-imsemmi Avviz Legali.
4. Kull klawzola u/jew relazzjoni u/jew kundizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assigurazzjoni meritu ta' din il-kawza mahruga mis-socjeta attrici ma tistax tigi opposta fil-konfront tal-vittma Mark Caruana.
5. L-attrici trid iggib prova li sehh il-bejgh tal-vettura lil Mohammed El Hanghari. F'kull kaz il-bejgh m'huwiex opponibbli fil-konfront ta' terzi ghaliex qatt ma gie registrat mal-awtoritajiet kompetenti kif titlob il-ligi. F'kull kaz jekk sar il-bejgh dan ma jintitolax lill-attrici li tahrab mill-obbligi legali taghha fil-konfront ta' Mark Caruana.
Il-fatti huma:-
1. Fit-30 ta' Gunju 2003 kien sehh incident tat-traffiku fi Vjal l-Avjazzjoni Civili, Gudja li fih wegga' Mark Caruana li kien qieghed isuq il-mutur FBH 416.
2. Il-vettura l-ohra (numru JAM 296) kienet misjuqa minn Mohamed El Hanghari.
3. Il-vettura numru JAM 296 kellha polza ta' assikurazzjoni mahruga minn Elmo Insurance Limited (numru 401-136222), f'isem Hasan Hasan. Fatt ikkonfermat ukoll mill-attrici fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat.
4. Elmo Insurance Limited kienet infurmat lil Mark Caruana li ma kenitx ser tikkumpensah ghat-telf ghaliex mill-indagni li ghamlet kien irrizultalha li kien biegh il-vettura lil El Hanghari, il-persuna li kien qieghed isuq il-vettura fil-hin tal-incident.
5. Permezz ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Awwissu 2004, Elmo Insurance Agency Limited infurmat lil El Hanghari li qeghda tinvoka l-contract of sale clause tal-polza u li ma kienitx ser tkoprih ghaliex ma kienitx qeghda tatih kopertura assikurattiva.
6. Fis-26 ta' Mejju 2005 Mark Caruana kien ipprezenta ittra ufficjali kontra Elmo Insurance Limited u Motor Insurer's Bureau fejn gharrafhom li dakinhar stess kien ipprezenta proceduri gudizzjarji fir-rigward ta' dak l-incident sabiex jithallas ghad-danni li kien sofra.
7. B'sentenza li nghatat fid-9 ta' Novembru 2007 fil-kawza **Mark Caruana vs Mohamed El Hanghari et** (508/2005), il-qorti kkundannat lil El Hanghari sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm69,165 bhala danni li sofra

fl-incident. F'dan il-procediment kienet intervjeniet Elmo Insurance Limited.

8. L-attrici ssostni li m'ghandha l-ebda obbligu li thallas lil Mark Caruana gialadarba kien irrizultalha li l-assigurat (Hasan Hasan) kien biegh il-vettura lil Mohamed El Hanghari gimghat qabel ma sehh l-incident. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal dikjarazzjoni datata 3 ta' Lulju 2003, li qalet li ffirma x-xufier u li pprezentat mar-rikors guramentat[1], li taqra hekk:- *"Jien hawn taht iffirmat El-Hanghari Mohamed I.D. Card No: 0024057A li noqod Flt 4, Qasam Hal Tmiem, Blk 1 Zejtun; niddikjara illi xi tlett gimghat ilu jiena xtrajt il-karrozza Datsun bin-numru JAM 296 ghas-somma ta' Lm200 minghand Hasan Hasan ta' 67, Triq il-Karmnu, Luqa."*. Dikjarazzjoni li qatt ma giet konfermata bil-gurament.

9. L-attrici ssostni li f'dawn ic-cirkostanzi m'hijiex l-assigurat koncernat skond l-Artikolu 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tal-1986 u ghalhekk is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2007 ma tistax tigi ezegwita kontra taghha.

Jibda biex jinghad li Hasan Hasan u Mohamed El Hanghari ma xehedux dwar dak li jinghad fid-dikjarazzjoni li fuqha l-attrici qeghda tibbaza l-kaz[2]. Id-dokument m'huwiex prova ta' dak li fih gialadarba m'huwiex wiehed mid-dokumenti li jissemma fl-Artikolu 627 tal-Kap. 12. Jigi rilevat li Mark Caruana, permezz tat-tielet eccezzjoni jsostni li: *"…….. l-bejgh tal-vettura li allegatament sar ghal habta tas-16 ta' Gunju 2003 bejn Hasan Hasan u Mohamed El Hangari ma jirrizulta minn imkien."*. Ghalkemm xehed Joseph Cassar[3], *claims handler* mal-kumpannija attrici, li kkonferma li kien iltaqa' ma' dawn it-tnejn min-nies u qalulu li El Hanghari xtara l-vettura minghandu, din m'hijiex prova li sehh il-bejgh (Artikolu 598 tal-Kap. 12). L-attrici tista' ssostni li f'dan il-procediment ma kienx possibbli ghalija li tressaq lil dawn il-persuni biex

---

[1] Fol. 5.

[2] Fin-nota ta' sottomissjonjiet l-attrici terga' ttenni li *"…..jirrizulta bl-aktar mod skjett illi kien hemm trasferiment tal-vettura relattiva mill-assikurat Hasan Hasan ghal Mohamed El Hanghari, u dan kif gie konfermat mill-istess Mohamed El Hanghari permezz ta' dikjarazzjoni li saret fil-presenza ta' John Cassar, rapprezentant tal-esponenti, datata 3 ta' Lulju 2003……."* (ara fol. 6 tan-nota).

[3] Seduta tat-22 ta' Frar 2011 (fol. 149).

jixhdu minhabba li tilfet kull tracca taghhom. Pero' l-fatt jibqa' li l-incident sehh fit-30 ta' Gunju 2003 u kien biss fil-11 ta' Dicembru 2007 li l-attrici ntavolat dawn il-proceduri. L-attrici semmiet ukoll li s-surgent tal-pulizija li nvestiga l-kaz kien gharrafha li El Hanghari kien xtara l-vettura minghand l-assigurat. Dwar dan m'hemm xejn fl-okkorrenza li ghamel is-surgent[4] u inoltre meta xehed ma kkonfermax dak li qal Joseph Cassar. Fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li l-Qorti toqghod biss fuq dak li xehed Joseph Cassar dwar x'qallu haddiehor, minghajr il-partijiet l-ohra interessati ma jkollhom l-opportunita' li jaghmlu domandi dwar l-allegat bejgh ta' vettura. L-oneru tal-prova li sehh il-bejgh qieghed fuq l-attrici, u fil-fehma tal-Qorti ma tressqitx l-ahjar prova. Prova li kellha ssir billi principalment jixhed Hasan Hasan li wara kollox kien il-*policy holder* tal-polza in kwistjoni. Ghalkemm id-dikjarazzjoni li ffirma El Hanghari tqieset wahedha bhala prova sufficjenti fil-poceduri kriminali[5] fir-rigward tal-akkuza li *"…naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta bi ksur tal-MVR sec. 26"* li xtara l-vettura, dan ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni li qeghda tasal ghaliha din il-qorti iktar u iktar meta tqies li l-proceduri kriminali huma distinti u separati mill-proceduri civili.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva wkoll li:-

i. F'ittra legali li ntbaghatet ghan-nom ta' El Hanghari, jinghad li *"Mr Hassan Hassan of 67, Triq il-Karmnu Luqa **handed over** the car to him and told him that it was covered by a policy of insurance and this comprised any other driver"*[6] (enfazi tal-qorti), minghajr ma jinghad li El Hanghari xtara l-vettura.

ii. Fid-data tal-incident mal-awtoritajiet il-vettura kienet ghadha registrata f'isem Hasan Hasan bhala s-sid [7].

---

[4] Fol. 182. Fl-okkorrenza jinghad li s-sid tal-vettura JAM 296 hu Hasan Hasan.

[5] **Il-Pulizija vs El Hanghari Mohamed** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Lulju 2010.

[6] Fol. 170.

[7] Ara deposizzjoni ta' Brian Farrugia tal-24 ta' Mejju 2011 a fol. 190.

iii. Fil-*claim form*[8] hemm domanda *"Was the vehicle being used with the Policyholder's knowledge and consent ?"* u t-twegiba hi *"Yes"*. Din taghti lill-qorti x'tifhem li Hasan Hasan kien ghadu s-sid tal-vettura.

Fic-cirkostanzi, fil-fehma tal-qorti baqghet ma nghatatx prova tal-bejgh tal-vettura assigurata mill-attrici.
F'kull kaz, ir-Regolament 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tas-sena 1986 jipprovdi li assiguratur m'huwiex **l-assiguratur koncernat** f'kaz li:

*"(c) l-assigurazzjoni tkun waqfet milli tibqa' fis-sehh qabel id-data meta tkun giet inkorsa l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna minhabba t-trasferiment ta' interess fil-vettura li l-assigurazzjoni tkun intiza li qed tkopri"*.

L-Avviz Legali 28 tal-1986 kien jipprovdi li meta gudikat jinkiseb kontra terza persuna li ghandha tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taht ligi obbligatorja ta' assigurazzjoni (**kif wara kollox hu l-Kap. 104**), kemm jekk fiz-zmien tal-incident li jwassal ghal tali gudikat:-
i. ma jkunx hemm polza ta' assigurazzjoni kif mehtieg mil-ligi; jew
ii. il-polza ma jkollhiex sehh ghal raguni li ma tkunx li l-assiguratur ma jkunx jista' jhallas;
u l-persuna danneggata ma tkunx thallset fi zmien jumejn mill-gudikat, allura fejn m'hemmx:-
i. assiguratur koncernat; u
ii. jkun hemm mewt jew feriment ta' persuna gravi u permamenti;
il-Fond jista', fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jaghmel hlas *ex gratia* (Regolament numru 20). Ghalhekk dan kien qieghed joffri rimedju ghal dawk it-terzi li ma setghux jigu ndennizzati bis-sahha tal-provvedimenti tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-attrici ssostni li polza ta' assikurazzjoni kienet tipprovdi li f'kaz ta' bejgh tal-vettura, l-attrici ma taghmilx tajjeb ghad-danni. F'dan il-kuntest l-attrici pprezentat dokument

[8] Fol. 164.

*"Motor Insurance Policy"* tal-Elmo Insurance[9] fejn fil-parti ntestata "Contract of sale" jinghad:-

*"We shall not be liable to pay any claim in respect of the Motor Vechicle in relation to which You have entered into any contract of sale or purported contract of sale whether this transaction constitutes a valid contract or not or would have constituted a valid contract but for the failure to comply with the provisions of the Duty on Documents Act 1993."*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet distinzjoni bejn *"insurer concerned"* u *"authorized insurer"* taht il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal-ligi Ingliza: *"….hemm differenza netta bejn ir-"Road Traffic Act Insurer", lokalment maghruf bhala l-authorised insurerd ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-"Article 75 Insurer", formalment maghruf bhala "Domestic Regulations Insurer", gia' l-insurer concerned, ghall-finijiet tal-Avviz Legali 28 tal-1986*.".

L-attrici ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza Ingliza li tipprovdi li mal-bejgh tal-vettura l-assigurat jitlef l-*insurable interest*; *"It is undoubtedly the case that the assured, by selling the insured subject matter of the policy and handing the subject matter to the purchaser deprives himself of any insurable interest in the subject matter….. If the assured no longer has any interest in the subject matter, it follows that the assured cannot give permission to the purchaser to use the vehicle. Accordingly, any use of the vehicle by the purchaser cannot be covered by the seller's insurance, and the purchaser will be insured if at all only under his own policy. This was held to be the case in Peters v General Accident Fire and Life Assurance Corporation Ltd, and Smith v Ralph. It will not be noted that these cases do not decide that the policy automatically lapses, but rather that the assured's insurable interest lapses and he can no longer give his permission in respect of the use of the car. However, if the assured's only interest under the policy is in the insured*

[9] Fol. 138.

*car then it is clearly correct to say that the policy lapses on the sale of the vehicle, and in Wilkinson v General Accident Fire and Life Assurance Corporation Ltd the language used was the lapse of the policy rather than the lapse of insurable interest."* (*The Law of Motor Insurance*, Robert Merkin & Jeremy Stuart Smith[10]). Madankollu wara s-sentenza fil-kawza **Dodson vs Peter H. Dodson Insurance Services** (2001) ma jistax jinghad li l-bejgh ta' vettura mill-assigurat twassal dejjem biex l-assigurazzjoni tieqaf, peress li *"....he may have sufficient insurable interest to sustain the existence of his own policy as he may wish to drive other vehicles or to purchase a replacement vehicle."* (ara pagna 50). Madankollu l-fatti ta' dak il-kaz huma differenti minn dan il-kaz.

Fil-fehma tal-qorti l-ordni guridiku Malti hu regolat mill-Artikolu 10(4) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Muturi ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104). M'hemmx kontestazzjoni li l-attrici hi assiguratrici awtorizzata, u harget certifikat ta' assigurazzjoni lil Hasan Hasan fir-rigward tal-vettura li kienet involuta fl-incident li sehh fit-30 ta' Gunju 2003. Il-ligi tipprovdi li:-

*"……ghad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir- responsabbiltà fuq imsemmija…*".

Hu biss fl-eccezzjonijiet kontemplati fil-paragrafu (2) ta' dak il-provvediment jew f'kaz ta' annullament tal-polza skond il-procedura regolata fl-Artikolu 10(3) tal-istess ligi[11] li l-assiguratrici tista' tevita l-hlas. Fil-mument li sehh l-incident kienet ghadha tezisti l-polza. Fatt li wara kollox hu

---

[11] Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), Imhallef P. Sciberras, fil-kawza **Montaldo Insurance Agency Ltd nomine vs Emanuel Micallef et** deciza fit-3 ta' Ottubru 2007, ikkummentat hekk fuq il-Kap. 104: *"Proprju l-ispirtu ta' din il-ligi, anke ghall-kabz prospettat mis-socjeta appellanti, jindika illi nonostante t-trasferiment tal-vettura l-effetti tal-polza ma jiccessawx. Anzi dawn, ope legis, japplikaw xorta wahda u b'mod awtomatiku fir-rigward tat-terz danneggjat, ankorke s-socjeta' assiguratrici tista' tqis il-polza invalida u non-rispondenti."*.

rikonoxxut mill-attrici stess li fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat iddikjarat:-
*"Fit-30 ta' Gunju 2003, is-socjeta rikorrenti qed tassikura vettura Nru JAM 296 skond polza ta' assikurazzjoni Nru. 401-136222 mahruga a favur ta' certu Hasan Hasan (I.D. 4314440A) li kien joqghod 67, Triq il-Karmnu Nru. FBH 416."*.
Jekk wiehed kellu jillimita ruhu biex jikkunsidra dan il-kaz taht il-provvedimenti tal-Avviz Legali 28 tal-1986, it-tezi tal-attrici fiha s-sahha. Ligi sussidjarja li toffri mezz sabiex min isofri danni f'kaz ta' mewt jew feriment gravi, jircievi kumpens *ex gratia* mill-Fund f'dawk il-kazijiet fejn m'hemmx polza jew il-polza ma jkollhiex sehh. Pero' sabiex l-assigurazzjoni tahrab mir-responsabbilta' li taghmel tajjeb ghad-danni li t-terz sofra fl-incident li sehh fit-30 ta' Gunju 2003, m'huwiex bizzejjed li tinvoka l-Artikolu 19(3)(c) tal-Avviz Legali 28 tal-1986. Jibda biex jinghad li l-attrici stess taccetta li fid-data tal-incident kienet *"**qed tassikura** vettura Nru. JAM 296 skond polza ta' assikurazzjoni Nru. 401-136222 mahruga a favur ta' certu Hasan Hasan…."* (enfazi tal-qorti). Iridu jitqiesu l-provvedimenti tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ligi li tipprovdi ghall-assigurazzjoni mandatorja ta' vetturi kontra riskji ta' terzi. Skond l-Artikolu 4(3) ta' dik il-ligi fejn tinhareg polza ta' assigurazzjoni ghall-uzu ta' vettura f'Malta:
*"Il-persuna li taghti polza ta' assigurazzjoni taht dan l-artikolu **<u>hija obbligata</u>** tindennizza lill-persuni jew klassijiet ta' persuni specifikati fil-polza ghal kull responsabbiltà li l-polza espressament tkopri fil-kaz ta' dawk il-persuni jew klassijiet ta' persuni."*.
Jekk wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-attrici li bil-bejgh tal-vettura lit-terza persuna *"......l-kopertura assikurattiva tigi sospiza.......... immedjatament mat-trasferiment"* ***bis-sahha tat-"transfer of interest clause" fil-polza***"[12] (enfazi tal-qorti), jibqa' l-fatt li sabiex il-kumpannija assiguratrici tevita r-responsabbilta' li thallas lill-vittma trid tiehu l-passi kontemplati fl-Artikolu 10(2)(c) tal-Kap. 104

[12] F'dan il-kuntest il-qorti ma tarax li ghal dan il-kaz hi rilevanti l-posizzjoni li hadet il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja (ara nota ta' sottomissjonijiet tal-interventua) gialadarba l-incident sehh fit-30 ta' Gunju 2003, fi zmien meta Malta kienet ghadha m'hijiex membru tal-Unjoni Ewropeja.

biex tiehu lura c-certifikat tal-polza ta’ assigurazzjoni. Hekk per ezempju m’huwiex bizzejjed li l-assiguratur u l-assigurat jiftiehmu li jhassru l-polza. Ghalkemm regolament 19(3)(a) tal-Avviz Legali 28 tal-1986 kien jipprovdi li f’dik ic-cirkostanza l-assiguratur m’huwiex “assiguratur koncernat”, taht il-Kap. 104 l-assiguratur ma setax jevita r-responsabbilta’ li jindennizza lit-terz jekk ma jsegwix il-procedura kontemplata fil-Kap. 104. L-Artikolu 10(2)(c) jezigi li c-certifikat ta’ assigurazzjoni jingabar lura mill-assiguratur. Ir-responsabbilta’ tista’ biss tigi evitata mill-assiguratur billi jiehu passi biex jigbor c-certifikat ta’ assigurazzjoni fejn il-polza tithassar *“by virtue of any provision contained therein”* (Artikolu 10(2)(c) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta), u dan fit-terminu kontemplat mil-ligi. Proceduri li fil-kaz in ezami ma ttiehdux, u li fil-fehma tal-qorti huma mehtiega sabiex “l-assiguratur awtorizzat” jevita r-responsabbilta’ kontemplata fil-Kap. 104. Ghalhekk l-attrici tibqa’ responsabbli li thallas taht il-provvedimenti tal-Kap. 104 u ma tistax tahrab minnha billi tinvoka l-Avviz Legali 28 tal-1986. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li f’kaz ta’ bejgh ta’ vettura u ghal finijiet tal-Kap. 104, m’hemmx provvediment li jghid li l-bejgh ta’ vettura mill-assigurat lill-haddiehor jissarraf f’terminazzjoni *ipso jure* tal-kuntratt ta’ assigurazzjoni.

Fl-ahharnett b’riferenza ghal dik il-parti tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici ntestata:-*“Titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104”*, l-attrici ssostni li s-sentenza tad-9 ta’ Novembru 2007 m’hijiex titolu ezekuttiv kontra l-attrici ghaliex meta sehh l-incident il-polza kienet *“….. tirrigwarda unikament l-interess assikurabbli tal-assikurat taghha Hasan Hasan, li f’dak il-mument kien kompletament estraneu ghal din il-vettura.”*. Ilment li qatt ma kien jifforma parti mill-kawzali tal-kawza proposta mill-attrici u ghalhekk m’huwiex ser jigi kkunsidrat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Mark Caruana u tal-intervenuta fil-kawza sa fejn kompatibbli ma’ dak li jinghad hawn fuq, u tichad it-talbiet tal-attrici. L-attrici taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha u ta’ Mark Caruana.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------